MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 516/2006

**Noel Tagliaferro**

**vs**

**Siglia Desira**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat it-2 ta’ Gunju, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti ppremetta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldet anke tarbija;

2. Illi fil-kors ta’ din ir-relazzjoni r-rikorrenti sborza sitt elef u seba’ mija u hamsin Lira Maltin, (LM6,750.00), biex inxtara materjal u mobbli ghall-fond “St. Rita”, Triq id-Dahla ta’ San Tumas, iz-Zejtun;

3. Illi l-imsemmi fond hu wiehed parafernali tal-intimata u kien intiz biex eventwalment iservi bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti f'kaz li jiddeciedu li jizzewgu;

4. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata biex tersaq ghall-hlas tal-ammonti sborzati mir-rikorrenti, hi baqghet inadempjenti;

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti ghandu dritt jigi rifuz mill-intimata l-ispejjez kollha li nefaq fil-fond tal-intimata fuq indikat, senjatament fl-ammont ta' sitt elef, seba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM6,750.00);

2. Tikkundanna lill-intimata thallas l-ammont fuq indikat, bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament;

3. Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata datata d-29 ta' Settembru, 2006, li permezz taghha l-intimata sintetikament wiegbet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 3 (2) tal-Kap 5 u l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ispejjez li allegatament saru minnu, saru fl-isfond tal-eghrusija bejn il-partijiet;

3. Illi ghalhekk jehtieg li tigi stabbilita r-raguni li wasslet sabiex thassret l-eghrusija, u kemm –il darba jirrizulta li kien il-komportament tar-rikorrenti li wassal ghat-thassir tal-eghrusija, allura l-intimata m'ghandhiex tigi kkundannata tirrifondi ebda ammont;

4. Illi di piu`, l-fond de quo kien fi stat komplet u abitabbli meta bdew joqghodu fih il-partijiet;

5. Illi kwalunkwe spejjez li setghu saru mir-rikorrenti fil-fond tal-eghrusija, saru fuq inizjattiva tieghu stess u ma kienux rikjesti mill-intimata;

6. Illi ghalhekk l-intimata m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ghal spejjez li r-rikorrenti stess ghazel li jaghmel minn jeddu u mhux fuq struzzjonijiet tal-intimata;

7. Illi r-rikorrenti qatt m'effettwa ebda hlasijiet ghaz-zmien li dam jabita fil-fond de quo proprjeta` tal-intimata, u ghalhekk ghandu jkun hemm ekwiparazzjoni ma' krediti spettanti lill-intimata;

8. Illi in oltre, l-ammont pretiz hu wiehed ezagerat;

9. Illi l-parti l-kbira tal-kontijiet esebiti mir-rikorrenti huma bi ksur flagranti tal-Att XXIII tal-1998 u ghalhekk din il-qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni taghhom;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-1 ta' Frar, 2007, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-abbli rapprezentant legali tal-intimata, l-kawza kienet differita ghall-provi dwar il-preskrizzjoni, (ara fol 57 et sequitur);

Rat ir-risposta ulterjuri guramentata datata l-14 ta' Dicembru, 2011, debitament awtorizzata, li permezz taghha esponiet:

1. Illi minghajr pregudizzju ghar-risposti gia` ntavolati, t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti wkoll ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kap 16 fuq gia` riferit;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal taghha datat it-28 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jissottomettu nota ta' sottomissjonijiet sad-dati hemm lilhom prefissi;

Tirrileva li nonostante l-awtorizzazzjoni ndikata fil-paragrafu precedenti, l-partijiet ghazlu li ma jissottomettu l-ebda nota fir-rigward;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda prodotta kif minnha preseduta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament fuq l-eccezzjonijiet rigwardanti l-preskrizzjoni sollevati mill-intimata;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jinghad li din hi sentenza hi wahda parzjali limitata ghall-epurazzjoni tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimata fuq il-preskrizzjoni;

Illi fid-dawl tas-suespost l-intimata sintetikament tesponi s-segwenti:

1. Illi l-kontendenti kienu gharajjes u wara li kellhom tarbija ppruvaw jghixu flimkien;

2. Illi ghal dan il-ghan fl-2002 il-mama` tal-intimata tathom post biex jabitaw flimkien fih;

3. Illi meta l-kontendenti kienu jabitaw fil-fond meritu ta' din il-procedura, dan kien fi stat tajjeb, kien mghammar b'kollox u kellu wkoll kamra tal-banju u kcina;

4. Illi qabel ma marru jghixu fl-imsemmi fond, ghamlu wkoll perjodu ta' sena jghixu mal-mama` tal-intimata fejn l-ispejjez tal-hajja kollha kienet thallashom l-istess mama`, (ara fol 62 et sequitur);

5. Illi f'dan il-perjodu r-rikorrenti ma kienx jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja tal-koppja kontendenti;

6. Illi pero`, l-intimata ssostni li kien l-istess rikorrenti li, fuq inizjattiva tieghu stess, beda jbiddel xi affarijiet li ma kienux jghogbuh fil-fond meritu tal-procedura odjerna, fosthom, ghalkemm ma kien hemm l-ebda htiega ghal dan:

i. il-kamra tal-banju;

ii. il-kcina;

iii. issostitwixxa hajt bil-*wall paper* bil-gibz;

iv. kamra fuq il-bejt intenzjonata biex tintuza ghal *billiard* u bhala *bar*;

7. Illi skont il-kalkolu tal-intimata l-ahhar xoghol li sar mir-rikorrenti kien fl-2004, (ara fol 63 u 65 et sequitur);

8. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti spiccat fl-2005, (ara fol 117 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti jsostni sintetikament is-segwenti

1. Illi r-rikorrenti jikkonferma li ghall-ewwel bejn wiehed u iehor f'nofs l-2003, il-kontendenti kienu jghixu mal-genituri tal-intimata;

2. Illi ftit wara li twieldet bint il-kontendenti, l-genituri tal-intimata hargu mill-imsemmi fond meritu tal-procedura odjerna u marru jghixu f'garaxx li kien jinhtieglu jigi rez abitabbli;

3. Illi wara li l-genituri tar-rikorrenti hargu mill-fond de quo, dan kellu jigi rrangat ukoll;

4. Illi x-xoghlijiet in dizamina bdew fis-sena 2000, u kienu jinkludu:

i. Tibjid, kisi u xoghol bil-gibz;

ii. Kcina gdida;

iii. Kamra tal-banju;

5. Illi jaqbel ukoll li r-relazzjoni bejn il-kontendenti spiccat fl-2005, (ara fol 93 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi kif gia` sottolineat il-vertenza in dizamina hi limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, bbazata kif inhi fuq zewg binarji, senjatament dik ai termini tal-artikolu 2153 u 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li:

"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";

Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-fatti kif fuq sintetikament esposti ma jindikawx li l-vertenza in dizamina tirrigwarda hsarat li ma kienux ikkagunati b'reat;

Illi l-vertenza de quo tirrigwarda sostituzzjoni ta' oggetti wzati f'residenza ordinarja li l-kontendenti kienu qed jikkondividu fil-perjodu in dizamina;

Illi konsegwentement, stante li din l-eccezzjoni hi rrilevanti, qed tigi respinta bl-ispejjez kontra l-intimata;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevat mill-intimata jistabbilixxi li:

“L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-dispozizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa’ bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn minn dak inhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball”;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif fuq esposti jindikaw l-iter hawn elenkat:

1. Illi bhala rizultat tar-relazzjoni li giet stabbilita bejn il-kontendenti, f’Novembru, 2003, twilditilhom tarbija;

2. Illi in preparazzjoni ghal din l-okkazjoni dawn bdew jabitaw flimkien u wara xi turbamenti, l-genituri li ghall-ewwel kienu jghixu mal-koppja kontendenti, hargu mix-xena u hallew lill-kontendenti wehidhom;

3. Illi sal-2005 r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet imgarrfa rrimedjabbilment;

4. Illi x-xoghlijiet in dizamina rikjamati mir-rikorrenti ghalhekk jirrizultaw li saru fil-perjodu bejn l-2002 sal-2005;

5. Illi ghalhekk is-sena operattiva ai fini tal-artikolu 1027 ghandha titqies li hi l-2005;

Ikkunsidrat:

Illi ezami superficjali tar-rikors promotur jindika minghajr l-ebda dubju li l-procedura odjerna giet intavolata fit-2 ta’ Gunju, 2006;

Illi ghalhekk it-terminu stabbilit fl-artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jirrizultax li gie superat;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn esposti, din l-eccezzjoni sollevata mill-intimata wkoll qed tigi respinta, bl-ispejjez ukoll kontra l-istess intimata;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu finalment jigi rilevat ukoll li l-intimata ssollevat preskrizzjoni fid-dawl tal-artikolu 3 (2) tal-Kap 5 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq gia` citat;

Illi ghandu jinghad li dan l-artikolu jistabbilixxi l-limitu tal-azzjoni bejn gharajjes wara t-thassir tal-eghrusija u senjatament jirreferi ghad-danni, spejjez ohra u kumpens ghall-ingurja ricevuta – izda mhux ghall-preskrizzjoni;

Illi ghaldaqstant, anke din il-preskrizzjoni partikolari sollevata qed tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess intimata;

Ghaldaqstant, epurat is-suespost, tirriserva li tiddifferixxi l-kawza seduta stante wara li tkellem lill-partijiet u/jew lill-abbli rapprezentanti legali taghhom, biex il-kawza tkun tista’ titkompla fuq il-meritu veru u proprju.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------